MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 214/2000/1

Victor Attard,
Michael Attard,
Josephine Buttigieg,
Carmela Zammit,
Maria Debrincat,
Carmela Mizzi,
Frances Camilleri,
Ganni Buttigieg, u
Beatrice Gatt .

vs

Ganni Atttard .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi permezz ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru, tal-elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) fil-kawża fl-ismijiet "Victor Attard et vs. Ganni Attard" (ċitaz. Numru. 113/1993) il-konvenut ġie ordnat sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' erba' u għoxrin elf, sitt mija u ħamsa u tmenin lira Maltija u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm24,685.72) rappreżentanti s-sehem li jispetta lilhom mill-valur tal-fond numru tmienja u tletin (38) u bieb ieħor bla numru fi Triq Sant'Indrija, Xewkija, Għawdex .

Illi minn din is-sentenza ma sar ebda appell iżda sussegwentement proprju meta l-esponenti kienu bdew proċeduri għall-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza inkluż billi kienu anki talbu l-bejgħ bis-subbasta tal-fond imsemmi, l-konvenut ipproċeda kontra l-atturi b'żewġ kawżi fl-ismijiet "Ganni Attard vs. Victor Attard et" waħda sabiex tiġi ritrattata l-kawża msemmija (ċitaz. Nru. 39/1996) u l-oħra sabiex tiġi sospiża l-esekuzzjoni tas-sentenza msemmija (ċitaz. Nru. 38/1996) .

Illi permezz ta' żewġ sentenzi mogħija fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru, tal-elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) dawn iż-żewġ kawżi ġew miċħuda .

Illi minħabba fis-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza oriġinali u r-rifjut da parti tal-konvenut sabiex iħallas lill-atturi dak lilhom dovut skond kif ordnat minn din il-Qorti, l-atturi sofrew danni minħabba n-nuqqas tad-dħul tal-flus dovuti .

Illi minkejja li ġie interpellat sabiex iħallas dawn id-danni l-konvenut baqa' inadempjenti .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni/interessi kollha sofferti mill-atturi konsegwenza tal-proċeduri fuq imsemmija .

2. Tillikwida dan id-danni ;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra interpellatorja datata 6 ta' Marzu, 2000 u tal-ittra uffiċjali spedita f'Mejju 2000 .

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi maħlufa minn Victor Attard .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa :

1. Illi billi l-obbligazzjoni tal-eċċipjent imsemmija fiċ-ċitazzjoni (i) mhix waħda ta' natura kummerċjali u l-anqas hija *ex lege (ii)* kellha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jistgħu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata, meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena u (iii) tali imgħaxijiet jibdew jgħoddu biss minn dakinhar li ssir sejħa għalihom b'att ġudizzjarju – liema sejħa għall-ħlas qatt ma saret – l-ebda danni/interessi ma huma dovuti mill-eċċipjent .

2. Illi l-eċċipjent m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din il-kawża .

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li huwa ġie awtorizzat jippreżenta fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2002 u permezz ta' liema huwa żied jeċċepixxi illi :

1. Illi in kwantu l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq *culpa aquiliana* (Artiklu 1047 Kodici Civili) din hija infondata fil-fatt, kif ukoll fid-dritt billi dan mhux allegat każ ta' delitt konsistenti filli ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha imma każ ta' allegat dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligu ta' pagament ta' somma determinata li l-konvenut kellu fil-

konfront tal-atturi (Artiklu 1139 Kodiċi Civili), tant illi anke l-istess atturi fiċ-ċitazzjoni tagħhom mhux qegħdin jitolbu l-interessi minħabba li l-attur ċaħħadhom minn użu ta' flus illi diġa' kellhom, imma minħabba li dam ma tahom flus lilhom dovuti ; *minħabba n-nuqqas tad-dħul tal-flus dovuti .*

2. Illi di piu', anke fir-risposta tagħhom ippreżentata fit-28 ta' Mejju 2001, l-atturi jgħidu li qed jaġixxu minħabba *culpa aquiliana u ċioe' ħtija da parti tal-konvenut li jħallas flus kif kien tenut li jagħmel skond il-liġi .* Qegħdin jekwiparaw ksur ta' obbligazzjoni *ex lege* ma' delitt . Pero' Kreditur li jkun moruż fil-pagament ta' debitu minnu dovut lill-kreditur ma jikkommettix delitt, imma jkun kiser jew obbligazzjoni *ex lege* inkella obbligazzjoni minnu imposta direttament mil-liġi, detta obbligazzjoni *ex lege .*

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost kif ukoll għan-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali, l-azzjoni a bażi ta' *culpa aquiliana* tinstab preskritta bid-dekors tal-perjodu ta' sentejn a tenur tal-Artiklu 2153 tal-istess Kodiċi ;

4. Illi fi kwalunkwe każ, f'azzjoni *ex delicto* trid tiġi ppruvata l-intenzjoni doluża da parti tal-konvenut .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat is-sentenza preliminari tagħha ta' l-1 ta' Ottubru 2002 dwar l-eċċezzjonijiet ulterjuri mqajjma mill-konvenut .

Rat il-verbal tagħha tat-21 ta' Ottubru 2005 fejn ħalliet il-kawża għall-lum għas-sentenza finali .

Ikkunsidrat :

Illi fil-kawża preżenti l-atturi qegħdin jirreklamaw id-danni li jippretendu li kkawżalhom il-konvenut kaġun tad-dewmien sabiex jirċievu fi flus sehemhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, wara li l-ammont dovut kien ġie likwidat minn din il-Qorti stess permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru 1995 (Citaz. Nru. 113/1993 fl-istess ismijiet) . Gara illi, minkejja illi dik is-sentenza għaddiet in ġudikat u

għalhekk l-atturi kellhom titolu eżekuttiv a favur tagħħom, huma ma setgħux jakkwistaw dak dovut lilhom, billi s-subbasta relattiva ġiet sospiża wara li l-konvenut kien istitwixxa proċeduri ġodda biex jittenta jinvalida s-sentenza imsemmija, ż-żewg kawżi minnu ntavolati ġew deċiżi fil-25 ta' Novembru 1999, u eventwalment il-konvenut resaq sabiex jagħmel il-ħlas opportun (ara kuntratt in atti Nutar P. Pisani tat-23.6.2000 "Dok. Y" a fol. 87 - 90) .

Madankollu fuq dak il-kuntratt il-konvenut naqas li jħallas l-imgħaxijiet li l-atturi ppretendew li kellu jagħtihom ukoll, minħabba dan id-dewmien kollu . Infatti fuq l-istess kuntratt irriservaw id-drittijiet tagħhom dwar dan .

Fis-sentenza preliminari tagħha ta' l-1 ta' Ottubru 2002, din il-Qorti ddeċidiet illi l-atturi kienu korrettement qed jeżerċitaw l-*actio aquilina* u allura japplikaw ir-regoli f'dan ir-rigward . Kif ġie mfisser f'dik is-sentenza :
"… l-*artikolu 1047 li fuqu qegħdin jibbażaw l-azzjoni preżenti tagħhom l-atturi, jirrigwarda azzjoni partikolari għall-ħlas ta' danni f'każ ta' ħtija da parti tad-debitur, taħt is-sezzjoni li tittratta* ***d-delitti u kważi-delitti .*** *L-atturi jikkontendu illi l-konvenut mhux sempliċement naqas li jħallashom dak dovut lilhom, imma għamel hekk konsapevolment sabiex jikkawżalhom il-ħsara . Hija appuntu din l-allegazzjoni li jridu għalhekk jipprovaw l-atturi fil-kors tas-smiegħ tal-kawża preżenti .*

*Huwa minnu, kif isostni l-konvenut, illi jekk l-atturi ma jirnexxilhomx jipprovaw sodisfaċentement għal din il-Qorti l-allegazzjonijiet tagħhom, huma ser ikunu ntitolati biss għall-imgħaxijiet fuq is-somma dovuta mid-data ta' l'interpellazzjoni għall-ħlas li saritlu permezz ta' att ġudizjarju, li fil-każ tagħna sar bl-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija ta' l-10 ta' Mejju 2000 . Imma minn naħa l-oħra f'każ ta' eżitu favorevoli għall-atturi, huma a tenur ta' l-artikolu 1047 tal-Kap. 16, ser ikollhom dritt ukoll għal kumpens ulterjuri, li jkun irid jiġi stabilit minn din il-Qorti, tenut kont tat-telf ta' użu ta' flus l-atturi b'effett mid-data tal-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lilhom bis-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995*."

Imma l-atturi baqgħu qatt ma ressqu ebda provi fis-sens illi l-konvenut dam ma ħallashom dak dovut lilhom *"konsapevolment sabiex jikkawżalhom il-ħsara*." L-unika ħaġa li hija magħrufa fiċ-ċert hija li l-konvenut in segwitu għas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995 ittenta inutilment jakkwista r-ritrattazzjoni tagħha . L-istess atturi ma jidhirx illi baqgħu jinsisti għad-danni f'dan ir-rigward, tant illi permezz ta' verbal fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2005, ddikjaraw illi "… *huma qed jinsistu biss għall-las tal-imgħax, u mhux għad-danni l-oħra msemmija fil-provi*."

Għalhekk in vista ta' dak li ddeċidiet fis-sentenza preliminari taghħha, fin-nuqqas ta' prova li d-dewmien tal-konvenut li jagħmel il-ħlas dovut lill-atturi fil-konsapevolezza li qed jikkawżalhom ħsara, jiġi li huwa dovut biss lill-atturi l-imgħaxijiet fuq is-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni, mid-data ta' l-interpellazzjoni tagħhom għal tali ħlas, u ċioe' mill-10 ta' Mejju 2000 .
L-ammont dovut lill-atturi kien ta' erbgha u għoxrin elf sitt mija u ħamsa u tmenin lira maltija u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm24,685.72) u għaldaqstant bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena (li hija l-ogħla rata permessa mil-liġi), jiġi li sad-data tal-kuntratt tat-23 ta’ Gunju 2000 huwa dovut lill-atturi bħala imgħaxijiet fuq din is-somma, l-ammont ta' : Lm 232.65 .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-atturi konsegwenza tad-dewmien tiegħu li jħallashom il-flus dovuti lilhom kif spejgat fiċ-ċitazzjoni ;
2. tillikwida d-danni sofferti fis-somma ta' mitejn tnejn u tletin lira Maltija u hamsa sittin centezmu (Lm 232.65) li huma l-imgħaxijiet fuq is-somma imsemmija mill-10 ta' Mejju 2000 sad-data tal-kuntratt imsemmi tat-23 ta’ Gunju, 2000, u bl-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv ;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-6 ta' Marzu 2000, ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' Mejju 2000 u tas-sentenza preliminari tagħha ta' l-1 ta' Ottubru 2002 kontra l-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------